**6 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Joseph Valletta u Spt. Gaetano Walker)

*versus*

Amadeo Brincat u Martin Dimech

**Appell - Apprezzament tal-Provi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali - Artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali - Pussess ta' Oġġett - Stqarrijiet - "*Caution*" - Dritt li ma Jwieġeb għal Ebda Domanda - Reċidiva f'Każ ta' Ħtija Taħt l-Artikolu 287**

*Hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.*

*L-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla żewġ ipotesijiet differenti. Fl-ewwel ipotesi kwalsiasi forma ta' pussess hi suffiċjenti, mentri fil-każ tat-tieni ipotesi hu rikjest il-pussess materjali. Differenza oħra bejn iż-żewġ ipotesijiet tirrigwarda dak li tiegħu l-imputat ma jkunx ta kont sodisfaċenti. Fl-ewwel ipotesi hu ma jkunx ta kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu dawk l-oġġetti, mentri fit-tieni ipotesi hu ma jkunx ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu dawk l-oġġetti jkuni jinsabu għandu f'dak iż-żmien.*

*Oġġett li jkun jappartjeni lil persuna waħda jista' jkun materjalment fil-pussess ta' aktar minn persuna waħda u dan indipendentement minn jekk dak l-oġġett ikunx jirrikjedi żewġ pari idejn biex jinġarr.*

*Ġaladarba persuna tkun ġiet imwissija li mhix obbligata li twieġeb għal ebda domanda, ebda inferenza ta' ħtija ma tista' tinġibed mill-fatt li tkun għażlet li ma twieġeb għal ebda domanda.*

*L-istess fatt li hu element kostituttiv tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 ma jistax jintuża għall-finijiet tar-reċidiva.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Amadeo Brincat u Martin Dimech talli fir-Rabat, fit-18 ta' Novembru, 1993 għall-ħabta tas-7.00p.m., wara li ġew ikkundannati f'Malta għal serq, jew għal reċittazzjoni, instabu fil-pussess tagħhom imfietaħ, mqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew instabu għandhom forom ta' serraturi, mingħajr ma taw kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu instabu għandhom;

Lil Amadeo Brincat waħdu, talli kiser il-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Liġijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Mejju, 1992 u aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux aktar jiġu mibdula;

Lil Martin Dimech waħdu talli sar reċediv b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Novembru, 1990 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax aktar tiġi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta'

April, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Amadeo Brincat u Martin Dimech ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom u kkundannathom sitt xhur priġunerija kull wieħed, u dana wara li kkunsidrat:

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Amadeo Brincat minnu ppresentat fis-27 ta' April, 1994 li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata jew, alternattivament u bla preġudizzju għar-revoka, ir-riforma ta' l-istess kwantu għall-piena fil-każ li din l-Qorti ma tilqax l-appell in kwantu għall-ħtija;

Rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' Martin Dimech, minnu ppresentat ukoll fis-27 ta' April, 1994, li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata jew, alternattivament u bla preġudizzju għar-revoka, ir-riforma ta' l-istess kwantu għall-piena fil-każ li din l-Qorti ma tilqax l-appell in kwantu għall-ħtija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Hu principju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u leġalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-

Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwl Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni (ara f'dan is-sens, *inter alia,* **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14/2/89; **il-Pulizija v. Carmel *sive* Chalmer Pace,** 31/5/91; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit,** 31/5/91; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul**, 12/5/94, ilkoll appelli kriminali);

2. Din il-Qorti irriproduċiet *in extenso* hawn aktar 'l fuq is-sentenza ta' l-ewwel Qorti biex turi li dik il-Qorti eżaminat u għarblet bir-reqqa kollha l-provi miġjuba kontra l-appellanti qabel ma waslet għad-deċizzjoni tagħha. Dan, però, ma jeżonerax lil din il-Qorti milli tagħmel dak l-eżami approfondit imsemmi, sabiex tara jekk dik il-Qorti setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Dana l-eżami jrid isir kemm fid-dawl tal-aggravji kif miġjuba fiż-żewġ rikorsi ta' appell kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-appelli;

3. Kif ġie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v Gunner Joseph Degiorgio** tal-15 ta' Frar, 1944 (Vol. XXXII. IV. 683), l-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali (allura l-Artikolu 288) jikkontempla żewġ ipotesijiet differenti u juża espressjonijiet differenti għar-rigward tagħhom. L-ewwel ipotesi hi ta' min, wara li jkun ġie kkundannat f'Malta għal serq jew għal riċettazzjoni, **jinsab fil-pusses** ta' frottijiet ecc., li ma

jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti **ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu**; it-tieni ipotesi tirrikjedi similment li persuna tkun ġiet ikkundannata f'Malta għal serq jew għal riċettazzjoni, però f'dan il-każ **ikunu instabu għandha** imfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi eċċ. mingħajr ma tagħti kont sodisfaċenti **għal liema skop legittimu jinsabu għandha f'dak iż-żmien**. Dik il-Qorti fis-sentenza msemmija, kienet irriteniet li kwantu għall-ewwel ipotesi (li mhix l-ipotesi applikabbli għall-appellanti odjerni) kwalsiasi forma ta' pussess kien suffiċjenti, fis-sens li biżżejjed li dawk il-frottijiet, xtieli, flus eċċ. ikunu, per eżempju, instabu fil-pussess ta' l-imputat f'daru mentri huwa jkun ġie arrestat mili 'l bogħod mid-dar tiegħu; mentri fil-każ tat-tieni ipotesi hu rikjest il-pusses materjali, u dan a bażi tat-*test* oriġinali Taljan li, dwar din l-ipotesi, kien juża l-frażi "*colto in possesso*" a differenza, tal-frażi "è *trovato in possesso*" li kienet użata a rigward ta' l-ewwel ipotesi. Differenza oħra bejn iż-żewġ ipotesijiet tirrigwarda dak li tiegħu l-imputat ma jkunx ta kont sodisfaċenti. Fl-ewwel ipotesi hu ma jkunx ta kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu dawk l-oġġetti, mentri fit-tieni ipotesi l-imputat ma jkunx ta' kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu dawk l-oġġetti jkunu jinsabu għandu f'dak iż-żmien;

4. Dwar l-ewwel rekwiżit għad-delitt in kwistjoni, u cjoè li l-persuna tkun ġiet preċedentement misjuba ħatja ta' serq jew ta' riċettazzjoni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni (ara wkoll il-verbal a fol. 64 fejn id-difiża qablet li s-sentenzi kollha esibiti kienu jirrigwardaw iż-żewġ imputati, illum appellanti). Dwar it-tieni element, u ċjoè dwar jekk l-appellanti instabux għandhom ċerti oġġetti, ċjoè, kif ġie spjegat, kinux fil-pussess materjali ta' dawn l-oġġetti, l-abbili difensuri ta' l-appellanti iddistingwew bejn il-każ ta' Brincat u l-każ ta' Dimech. Fil-każ ta' Brincat ġie

sottomess li l-oġġetti li nstabu u senjatament il-lieva u ż-żewġ tornaviti l-kbar (għax dawn biss, proprjament, huma għodda tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi) ma kinux fil-pussess legali tiegħu għax kienu fil-vettura ta' Dimech; li Brincat ma kienx jaf bihom; u li għalhekk ma kellux x'jispjega dwarhom. Din il-Qorti, però tara li l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li dawk l-oġġetti kienu fil-pussess materjali anke ta' l-appellant Brincat (u dan, naturalment, billi skartat bħala inveritjera l-ispjegazzjoni li ta l-istess Brincat li hu ma kienx jaf b'dawk l-oġġetti u anqas kien rahom). Infatti mhux eskluż li oġġett, li jkun jappartjeni lil persuna waħda, ikun materjalment fil-pussess ta' aktar minn persuna waħda u dan indipendentement minn jekk dak l-oġġett ikunx jirrikjedi żewġ pari idejn biex jinġarr. Jiġi preċiżat ukoll li fuq il-persuna ta' Brincat, meta dan ġie perkwiżit fuq il-persuna tiegħu fl-għassa minn P.S. 436 Angelo Caruana, instabu tlett tornaviti zgħar - ukoll għodda tajbin għall-ftuħ ta' serraturi. Fil-każ ta' l-appellant Dimech, dana jammetti li l-oġġetti li kien hemm fil-karozza (*ad* esklużjoni tat-tlett tornaviti iż-żgħar) kienu tiegħu;

5. Jibqa' għalhekk biex jiġi kkunsidrat jekk l-appellanti tawx kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu jinsabu għandhom dawk l-oġġetti. Biex tasal għall-konklużjoni tagħha fuq dan l-punt l-ewwel Qorti kellha kull dritt tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha, inkluża x-xiehda tal-appellanti, il-preżenza tat-terza persuna li telqet tiġri, kif ukoll l-oġġetti l-oħra li instabu fuq wara tal-karozza kif jirriżulta mix-xiehda tal-Ispettur Gaetano Walker. Fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbili difensuri irritenew li l-ewwel Qorti ma setgħetx tieħu in konsiderazzjoni, sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha fuq dan l-punt, il-fatt li fl-istqarrijiet tagħhom lill-pulizija iż-żewġ appellanti għażlu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom tas-silenzju. Dwar

dan din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti. Mill-atti jirriżulta li l-istqarrijiet a fol. 24 u 25 saru wara li kull wieħed mill-appellanti kien ġie mwissi li hu ma kienx obbligat li jwieġeb għal ebda domanda. Ġaladarba kien ġie hekk imwissi, ebda inferenza ta' ħtija ma tista' tinġibed mill-fatt li f'dawk l-istqarrijiet l-appellanti għażlu li ma jwieġbu ebda domanda. Però din il-Qorti tosserva li meta l-ewwel Qorti, fis-sentenża appellata, aċċennat għall-fatt li Brincat, fl-istqarrija tiegħu, għażel li ma jwieġeb għal ebda mistoqsija, dik il-Qorti kienet sempliċement qed tistqarr fatt li jirriżulta mill-atti, u ma jirriżultax mis-sentenza li l-ewwel Qorti ġibdet xi inferenza ta' ħtija minn tali fatt. L-ispjegazzjoni li l-ewwel Qorti ma kinitx qed taċċetta kienet l-ispjegazzjoni li Brincat ta minn fuq il-pedana tax-xhieda. Jiġi preċiżat a rigward ta' l-appellant Brincat, li meta nstabu fuqu t-tornaviti *ż-żgħar* is-surġent Caruana staqsieh x'kienu qed jagħmlu fuqu, u Brincat ma wieġeb xejn. Ma jirriżultax li f'dan l-istadju Brincat kien ġie imwissi li kellu dritt li ma jwieġibx u għalhekk ma jistax jingħad li f'dan l-istadju hu kien qed jeżerċita dan d-dritt tiegħu. Meta xehed, qal li dawn it-tornaviti kien jużhom biex jgħin lil ommu tagħmel xi xogħol tal-lastiku, taqla' *washers* tal-lastiku. Jista' jkun li ommu tagħmel dan ix-xogħol u li ġieli kien jgħinha b'dawk it-tornaviti, però din il-Qorti xorta tara li din mhix spjegazzjoni sodisfaċenti għala kellu fuqu dawn it-tornaviti fil-pjazza inkwistjoni, fir-Rabat u f'dak il-ħin, meta suppost kulma kien mar jagħmel dan l-appellant, li joqgħod Bormla, kien li tela' r-Rabat b'tal-linja biex imur għand parrukkier proprju hemmhekk. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti hi sodisfatta li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċjoè li ebda wieħed mill-appellanti ma ta' kont soddisfaċenti għall-liema skop leġittimu kienu jinsabu għandu f'dak iż-żmien l-oġġetti inkriminanti. Għalhekk din il-Qorti ser tirrespinġi l-appell kwantu jirrigwarda l-ħtija dwar l-akkuża taħt l-Artikolu 287 tal-Kap. 9;

6. Kwantu għall-piena d-difensuri ta' l-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti ma setgħetx, wara li ssib ħtija taħt l-Artikolu 287, tieħu in konsiderazzjoni l-kundanni preċedenti għal serq jew għal riċettazzjoni għall-finijiet ta' żieda fil-piena minħabba reċidiva. Fuq dan l-punt l-appellanti għandhom, in parti biss, raġun. In fatti, kif kien ġie ritenut fil-każ **Il-Maesta Tiegħu ir-Re v. Karmnu Ellul,** 24 ta' Ġunju, 1941 (riportat ukoll f' **Harding's Recent Criminal Cases Annotated,** para. 16) ġaladarba l-fatt li persuna tkun instabet preċedentement ħatja hu ingredjent essenzjali tar-reat, l-istess fatt ma jistax jintuża għall-finijiet ta' żieda fil-piena minħabba reċidiva. Għalkemm dak il-każ kien jirrigwarda dak li hu llum l-artikolu 286 tal-Kodiċi Kriminali, dan il-prinċipju japplika egwalment għall-artikolu 287. Dan, naturalment, ma jfissirx li l-piena għar-reati kkontemplati fl-artikoli 286 u 287 ma jistgħux jiżdiedu minħabba reċidiva. Ifisser biss li l-istess fatt li hu element kostituttiv tar-reat ma jistax iservi għall-finijiet tar-reċidiva. Issa, fil-każ ta' l-appellant Dimech il-prosekuzzjoni ġabet biss bħala prova kundanna waħda ta' serq, u ċjoè s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru, 1990 fl-ismijiet **il-Pulizija v. Aaron sive Ronnie Micallef u Martin Dimech.** Fil-konfront ta' dana Dimech, għalhekk, ma hemmx lok ta' żieda fil-piena minħabba reċidiva, għax dan huwa l-istess fatt li neċessarjament inġieb bħala ingredjent tar-reat taħt l-artikolu 287. Fil-każ ta' Brincat, iżda, kien biżżejjed, għall-finijiet ta' l-artikolu 287 il-fatt tal-kundanna għal serq bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Settembru, 1984 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi, Mario Vella u Amadeo Brincat.** Il-fatt ta' **din** il-kundanna ċertament ma setax jittieħed in konsiderazzjoni ukoll għall-finijiet ta'reċidiva. Però, ġaladarba integrat ir-reat fl-elementi kostituttivi tiegħu, fatti oħrajn, anke ta' kundanni għal serq, li ma humiex allura aktar meħtieġa sabiex dak ir-reat jiġi integrat, jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' reċidiva. Mill-atti tal-kawża

tirrisulta kundanna oħra għal serq, din id-darba tal-Qorti ta' l-appell Kriminali tal- 21 ta' Jannar, 1991 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Amadeo Brincat et.** li kkonfermat sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Jannar, 1989 fl-istess ismijiet, u, li biha Amadeo Brincat kien ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' erba' snin. Din il-kundanna, kif ingħad, tista' tittieħed għall-finijiet tar-reċidiva. Terġa', l-appellant Brincat kellu ukoll akkuża ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' ordni ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni (Artikolu 9 tal-Kap. 152) u dan skond is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-4 ta' Mejju, 1992 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Amadeo Brincat**, li tidher a fol.66 ta' l-atti. Din l-akkuża tirriżulta wkoll sodisfaċentement ippruvata.

7. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appelli kif ġej:

(a) kwantu għall-appell ta' Amadeo Brincat, tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kwantu tirriġwarda l-istess Amadeo Brincat;

(b) kwantu għall-appell ta' Martin Dimech, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imsemmi Martin Dimech ħati ta' l-akkuża kkontemplata fl-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali, u tirrevokaha fil-kumplament, u minflok tikkundanna lill-istess Martin Dimech għall-piena ta' priġunerija ta' xahrejn mil-lum.